# Stqarrija

## L-għasafar qed jispiċċaw mingħajr postijiet fejn jieqfu jistrieħu: 45% tal-ispeċi ta' għasafar tal-passa issa qed jonqsu

*BirdLife International ippubblikat ir-rapport State of the World's Birds waqt il-Global Flyways Summit f'Nairobi. L-imsieħba ta' BirdLife, NGOs, gvernijiet u istituzzjonijiet finanzjarji iffirmaw in-Nairobi Flyways Declaration, hekk kif inizjattivi tal-banek għall-iżvilupp madwar l-Afrika, l-Asja, l-Ewropa u l-Amerika qed jidħlu fil-fażi ta' implimentazzjoni.*

**Nairobi, il-Kenja, 11 ta' Settembru 2026:** BirdLife International nediet ir-rapport State of the World's Birds waqt il-Global Flyways Summit, organizzat flimkien ma' Nature Kenya. Ippubblikat kull erba' snin, din hija l-ewwel edizzjoni ddedikata lill-għasafar tal-passa u r-rotot li jiddependu fuqhom. Is-summit ra wkoll lil *stakeholders* ewlenin, fosthom gvernijiet, xjenzati, NGOs, organizzazzjonijiet ta' konservazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji, jiffirmaw in-Nairobi Flyways Declaration, u jimpenjaw ruħhom li jżidu l-isforzi u l-kooperazzjoni biex jipproteġu l-għasafar tal-passa u l-ħabitats tagħhom lil hinn mill-fruntieri. Dan seħħ fl-istess waqt li l-banek għall-iżvilupp immobilizzaw aktar minn $6 biljun f'finanzjament għall-konservazzjoni mill-2021. Flimkien, dawn il-passi jirrappreżentaw bidla sinjifikanti fir-rispons globali kkoordinat għall-konservazzjoni tal-*flyways*.

**State of the World's Birds: x'ħareġ**

Minn dan ir-rappor ħareġ ċar li 45% tal-ispeċi ta' għasafar tal-passa qed jonqsu. Wieħed minn kull disa' speċi jinsab mhedded bl-estinzjoni. L-estinzjoni tal-Gurlin Żgħir fl-2025, li l-aħħar darba li ġie rreġistrat kien f'laguna fil-Marokk fi Frar tal-1995, tirrappreżenta l-ewwel estinzjoni globali ta' għasfur fl-Ewropa u fl-Asja kontinentali u fl-Afrika f'dawn l-aħħar sekli. Sitt speċi tal-passa oħra huma kkonfermati jew suspettati li għebu fl-aħħar 150 sena. L-ispeċi li jiddependu fuq il-ħabitats tal-baħar, il-foresti u l-artijiet mistagħdra kostali qed isibu ruħhom f'sitwazzjoni partikolarment ħażina; it-tajr tal-baħar u l-għasafar tal-plajja huma fost l-aktar mhedda.

Madankollu, ir-rapport jiddokumenta wkoll it-tama. Dan it-tnaqqis huwa riżultat ta' fatturi kkawżati mill-bniedem: speċi invażivi, intensifikazzjoni fl-agrikoltura, it-tibdil fil-klima u l-kaċċa mhux sostenibbli. Meta l-prattiċi agrikoli, tas-sajd u tal-użu tal-art jiġu indirizzati tul rotta tal-passa sħiħa, minflok f'siti individwali biss, il-popolazzjonijiet tal-għasafar jirrispondu. Pereżempju, azzjoni kkoordinata f'diversi pajjiżi għall-Avultun Abjad waqqfet it-tnaqqis fil-popolazzjoni li tbejjet fil-Balkani.

*"L-għasafar tal-passa huma indikaturi, u t-tnaqqis fil-popolazzjonijiet tagħhom juri l-pressjoni dejjem tikber fuq is-sistemi naturali li jsostnuna. Iżda x-xjenza hija ċara bl-istess mod: il-konservazzjoni taħdem, b'azzjoni kkoordinata li tipprevjeni l-estinzjoni u tgħin lill-popolazzjonijiet jirkupraw. Is-soluzzjonijiet jeżistu: dak li hemm bżonn issa huwa li jiġu implimentati fuq skala ta' flyways."*

**Dr Stuart Butchart FRS, Chief Scientist, BirdLife International, u editur ta' State of the World's Birds**

**Għaliex il-*flyways* huma importanti**

Dan ir-rapport jemfasizza verità fundamentali: flyway mhix sempliċement linja fuq mappa, iżda netwerk wiesa' u interkonness ta' siti kritiċi u ħabitats essenzjali li jsostnu l-għasafar tal-passa madwar kontinenti u matul staġuni differenti. Meta tinkiser jew tiddgħajjef ħolqa waħda, il-katina kollha tkun f'riskju.

Filwaqt li tirrikonoxxi din l-interkonnessjoni, BirdLife International - l-uniku Partnership globali li taħdem għall-konservazzjoni tal-għasafar u tal-ħajja kollha fuq il-pjaneta tagħna, b'125 imsieħba f'120 pajjiż - żviluppat il-*Global Flyways Programme*. Minflok ma jiffoka fuq siti, speċi jew fruntieri nazzjonali individwali, dan l-approċċ għandu l-għan li jiżgura u jirrestawra rotot tal-passa sħaħ, bil-imsieħba jaħdmu flimkien mill-postijiet fejn l-għasafar ibejtu, għas-siti fejn jieqfu jistrieħu waqt il-passa u ż-żoni fejn jgħixu barra mill-istaġun tal-bejta.

**Mexxejja dinjin jiffirmaw in-*Nairobi Flyways Declaration***

Waqt is-summit, mexxejja, xjenzati u organizzazzjonijiet ta' konservazzjoni ffirmaw in-*Nairobi Flyways Declaration*, impenn mingħajr preċedent għal konservazzjoni kkoordinata fuq skala ta' rotot tal-passa sħaħ. Id-Dikjarazzjoni tirrikonoxxi li l-għasafar tal-passa jaqsmu l-fruntieri u l-kontinenti; is-sopravivenza tagħhom tiddependi fuq l-azzjoni ta' diversi *stakeholders* tul *flyways* sħaħ, u mhux fuq sforzi nazzjonali iżolati.

*"L-għasafar tal-passa ma jagħrfux il-fruntieri. Huma jgħaqqdu l-Asja mal-Afrika, u l-Artiku mat-tropiċi. In-Nairobi Flyways Declaration tirrikonoxxi din ir-realtà - li hemm bżonn ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni internazzjonali biex inżommu l-għasafar tal-passa siguri. Jien eċitata u kburija nara lill-komunità xjentifika, lill-organizzazzjonijiet ta' konservazzjoni u lis-settur finanzjarju jingħaqdu biex dan isir realtà. Fl-aħħar!! Ninsabu f'mument importanti ta' bidla. Ilna nistennew dan il-mument għal żmien twil."*

**Il-Prinċipessa Takamado, membru tal-Familja Imperjali Ġappuniża u President Onorarju ta' BirdLife International**

**Biljuni jiġu mmobilizzati għall-konservazzjoni tal-flyways**

Rappreżentanti għolja mill-Bank Dinji u minn banek reġjonali għall-iżvilupp attendew għas-summit, u dan juri impenn istituzzjonali mingħajr preċedent. Tliet banek multilaterali għall-iżvilupp qed jintegraw il-konservazzjoni tal-*flyways* fil-qafas tal-finanzjament tagħhom, u b'hekk l-impenji li saru mill-2021 issa qabżu s-$6 biljun.

Il-Bank Asjatiku għall-Iżvilupp qed jimmobilizza $3 biljun matul l-għaxar snin li ġejjin biex jipproteġi mill-inqas 50 art mistagħdra ta' prijorità tul l-*East Asian-Australasian Flyway*, u b'hekk jappoġġja kważi 200 miljun persuna li jiddependu fuq dawn l-ekosistemi. Fl-Amerika, il-*Development Bank of Latin America and the Caribbean* qed jimmobilizza bejn $3 u $5 biljun sal-2050 biex jipproteġi aktar minn 30 pajsaġġ u ambjent tal-baħar. Il-Bank Dinji u

BirdLife qed jimmobilizzaw diversi biljuni ta' dollari madwar l-Afrika, l-Ewropa u l-Asja tul rotot tal-passa użati minn aktar minn żewġ biljuni ta' għasafar tal-passa.

Qed jikber ukoll il-momentum għal azzjoni mmexxija mill-komunitajiet. F'Ġunju 2026, il-*Global Environment Facility* approvat il-*Global Flyways Grant Mechanism*, li jipprovdi $8.97 miljun f'għotjiet diretti u $107 miljun f'kofinanzjament għall-konservazzjoni u r-restawr ta' disa' miljun ettaru ta' artijiet mistagħdra, u li huwa mistenni jibbenefikaw madwar 330,000 persuna.

> "The state of the world's birds *huwa twissija ċara li n-natura teħtieġ azzjoni urġenti u deċiżiva, kif ukoll bidla fundamentali fil-mod kif nittrattaw id-dinja naturali tagħna. Il-fatt li l-imsieħba kollha ta' BirdLife iffirmaw din id-dikjarazzjoni juri l-impenn kollettiv tagħna li naħdmu saħansitra aktar biex niksbu dan.*
> *Għal BirdLife Malta, dan l-impenn għandu importanza akbar. Billi jinsabu fil-qalba tal-Mediterran, fuq waħda mill-aktar rotot tal-passa importanti fid-dinja, il-gżejjer tagħna għandhom responsabbiltà kbira. Aħna nħossu din ir-responsabbiltà bis-sħiħ, u determinati li nsaħħu u nwessgħu l-ħidma tagħna ta' konservazzjoni, għall-għasafar, għan-natura u għan-nies."*
> **Mark Sultana, Kap Eżekuttiv, BirdLife Malta**

BirdLife Malta hija msieħba f'BirdLife International li taħdem għall-konservazzjoni tal-bijodiversità globali u għall-promozzjoni tal-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali.

> *"Ir-rapport State of the World's Birds huwa ċar: qed nitilfu l-għasafar tal-passa b'rata allarmanti. Iżda d-Dikjarazzjoni ta' Nairobi tal-lum tindika bidla importanti. Kulħadd għandu jżid l-isforzi tiegħu u jagħti s-sehem tiegħu. Dan ifisser il-gvernijiet, in-negozji u s-soċjetà ċivili. Il-banek għall-iżvilupp qed iwieġbu għal din l-isfida. Il-Partnership ta' BirdLife hija lesta biex taġixxi. Issa għandna bżonn li oħrajn jagħtu s-sehem tagħhom biex inreġġgħu lura dan it-tnaqqis u nsalvaw il-meravilja tal-passa."*
> **Martin Harper, Kap Eżekuttiv, BirdLife International**

## NOTI GĦALL-EDITURI

### Dwar BirdLife International

BirdLife International huwa l-uniku Partnership globali li jaħdem għall-konservazzjoni tal-għasafar u tal-ħajja kollha fuq il-pjaneta tagħna. Aħna nežistu biex nagħtu vuċi waħda lin-natura, u biex ngħaqqdu u nsaħħu l-konservazzjoni lil hinn mill-fruntieri. Aħna magħmulin minn 125 organizzazzjoni nazzjonali ta' konservazzjoni f'120 pajjiż u territorju, flimkien ma' Tim Globali. Naħdmu spalla ma' spalla biex nindirizzaw uħud mill-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċja d-dinja naturali. Flimkien, aħna l-awtorità globali dwar l-għasafar.
Sir af aktar fuq: [www.birdlife.org/how-we-work](www.birdlife.org/how-we-work)

### Dwar Nature Kenya

Imwaqqfa fl-1909, Nature Kenya - l-East Africa Natural History Society - hija l-eqdem u waħda mill-aktar organizzazzjonijiet rispettati tal-konservazzjoni tal-bijodiversità fil-Kenja, u l-Partner nazzjonali ta' BirdLife International. Għal aktar minn seklu, mexxiet l-identifikazzjoni, il-monitoraġġ u l-konservazzjoni tal-bijodiversità f'siti ekoloġikament vitali li jsostnu l-wirt naturali tal-Kenja u l-istabbiltà ambjentali tagħha.
Sir af aktar fuq: [www.naturekenya.org/about/](www.naturekenya.org/about/)

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**

Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**

Titlu- State of the World's Birds
Hyperlink - https://sowb.birdlife.org/

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**

1. Mark Sultana, Kap Eżekutiv, BirdLife Malta jiffirma n-Nairobi Flyways Declaration waqt il-Global Flyways Summit f'Nairobi, il-Kenja.